

Brussell, 12 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15682/22

COPS 588
CIVCOM 250
POLMIL 301
CFSP/PESC 1665
CSDP/PSDC 857
RELEX 1671
JAI 1630

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	15474/22 COPS 573 CIVCOM 246 POLMIL 292 CFSP/PESC 1629 CSDP/PSDC 840 RELEX 1628 JAI 1595 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PATT DWAR ID-DIMENSIJONI ĊIVILI TAL-PSDK

1. F'xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel, fost l-oħrajn b'konflitti madwar l-Unjoni Ewropea li qed ifiġġu jew jeskalaw u bil-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, biż-żieda fl-azzjonijiet reviżjonisti u bil-persistenza tal-instabbiltà u tat-theddid tranżnazzjonali, il-Kunsill jenfasizza l-kontribut sinifikanti tal-aspett ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fuq il-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Huwa jesprimi l-gratitudni tiegħu lejn in-nisa u l-irġiel li jservu f'missjonijiet ċivili tal-PSDK. Il-Kunsill ifakkar fl-adozzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża f'Marzu 2022 u jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu li jsaħħa id-dimensjoni ċivili tal-PSDK permezz ta' Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK li għandu jiġi adottat sa nofs l-2023.
2. L-adozzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK erba' snin ilu kienet bidla sinifikanti. Il-Kunsill ifaħħar ir-riżultati pożittivi miksuba mill-adozzjoni tiegħu, inkluż fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri u mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll il-ħidma importanti li saret mill-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK. Huwa jtemni l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Patt sal-bidu tas-sajf tal-2023.
3. Filwaqt li jibni fuq kważi għoxrin sena ta' esperjenza, riżultati pożittivi u taġġimiet meħuda mill-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, inkluż l-adattament rapidu tal-attivitajiet tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK fl-Ukrajna, il-Kunsill jappella għal impetu mġedded għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK. Huwa jappella biex tiżdied l-effikaċja tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, biex ikunu jistgħu jindirizzaw b'aktar effiċjenza l-isfidi attwali, emerġenti u futuri għas-sigurtà fil-qafas tal-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess billi taġixxi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu.

4. Il-Kunsill ifakkar fil-prijoritajiet ta' Feira għat-tisħiħ tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili f'kuntatti fraġli u ta' konflitti, filwaqt li jissottolinja wkoll l-importanza tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) u l-kompiti ta' monitoraġġ. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tkun kapaċi twettaq diversi tipi ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK fl-ispettru sħiħ ta' kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet kif stabbilit fl-Artikoli 42 u 43 TUE, inkluż il-monitoraġġ, il-bini tal-kapaċitajiet u l-konsulenza kif ukoll tipi ta' missjonijiet eżekuttivi. Sabiex tinżamm il-flessibbiltà li jaġixxi, jappella għal approċċ modulari u skalabbli biex jiġi ddefinit id-daqs tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Huwa jenfasizza li d-daqs u l-għadd ta' missjonijiet ser jiġu ddeterminati skont il-ħtiġijiet li qed jevolvu fuq il-post kif ukoll il-prijoritajiet u l-kapaċitajiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri. Il-Kunsill u l-Istati Membri jtennu l-impenn tagħhom li jaġhtu kontribuzzjoni akbar biex jiżguraw riżorsi effiċjenti tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK.
5. Il-Kunsill jappella għal Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK bl-għan ġenerali li:
- a. Tiżdied il-kapaċità tagħha li NAĠIXXU malajr u b'mod robust biex nappoġġaw lill-kontropartijiet fil-post fejn ikunu l-missjonijiet:
- Billi ntejbu l-effikaċja u l-flessibbiltà, inkluż permezz ta' mandati ċari u adattabbli, nipprovdu stati aħħarija u strateġiji ta' tranżizzjoni li jkunu definiti sew, kif ukoll niżviluppaw il-kapaċitajiet għall-Ġestjoni tal-Għarfien;
 - Billi nistinkaw għal proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet malajr bil-għan li nżidu aktar il-kapaċità ta' rispons tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK u billi nesploraw possibbiltajiet oħra biex nagħtu appoġġ aktar immirat lill-pajjiżi ospitanti;
 - Billi nistabbilixxu valutazzjoni indipendenti tal-impatt u tal-prestazzjoni tal-missjonijiet, li tikkontribwixxi għar-rieżami strateġiku tal-missjonijiet, abbażi ta' Dokument ta' Għażliet li għandu jiġi ppreżentat lis-SEAE sa kmieni fl-2023;
 - Billi niżviluppaw u nimplimentaw ulterjorment approċċ modulari u skalabbli li jibni fuq l-għodod disponibbli, inkluż skjeramenti sekwenzjali jew plug-in imfassla apposta, u għodod ta' rispons rapidu bħat-Timijiet Speċjalizzati u Esperti Esterni. Billi nużaw ukoll formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea jew grupp ta' Stati Membri li jaġixxu fil-qafas tal-Artikolu 44 TUE kif xieraq u skont it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-PSDK;

- Billi nintegraw sistematikament id-drittijiet tal-bniedem u neżerċitaw id-diliġenza dovuta b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll nippromwovu l-Aġenda tat-Tfal u l-Konflitti Armati;
- Billi nippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u nintegraw sistematikament il-perspettiva tal-ġeneru, abbażi tal-analiżi tal-ġeneru, fl-ippjanar u fl-azzjonijiet kollha, u niffukaw fuq il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, filwaqt li nippromwovu l-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti tagħha;
- Billi noperazzjonalizzaw aktar l-Approċċ Integrat, inkluż billi nsaħħu r-rabtiet mas-servizzi u l-programmi tal-Kummissjoni kif ukoll mad-Delegazzjonijiet tal-UE, matul il-fażijiet tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u t-tranżizzjoni;
- Billi nagħtu aktar attenzjoni lis-sensittività għall-konflitti permezz ta' analiżi ta' konflitti rikorrenti, għarfien tas-sitwazzjoni, u twissija bikrija, u nużaw l-għodod tal-medjazzjoni u d-djalogu għall-prevenzjoni ta' konflitti, skont il-Kunċett dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE;
- Billi nsaħħu r-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna permezz ta' aktar kooperazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE bejn id-dimensjoni ċivili tal-PSDK u l-atturi fl-Affarijiet tal-Ġustizzja u l-Intern (ĠAI), f'konformità sħiħa mal-kompetenzi, il-konsiderazzjonijiet baġitarji u l-bażijiet legali għal kull strument, fost l-oħrajn billi noperazzjonalizzaw minikunċetti, inżidu l-għarfien espert rilevanti u nlaqqgħu laqgħat apposta tal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill;
- Billi nrawmu sinerġiji u komplementarjetà bejn id-dimensjoni ċivili u dik militari tal-PSDK, inkluż f'oqsma ta' politika, żvilupp ta' kapaċitajiet, taħriġ u ppjanar operazzjonali u t-twettiq ta' missjonijiet mibgħuta fl-istess post, inkluż għal-loġistika, l-appoġġ mediku u appoġġ ieħor;
- Billi nsaħħu l-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija bħala l-kwartieri ġenerali għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, fost l-oħrajn billi nkomplu bir-riforma tagħha.

- b. NASSIGURAW lill-pajjiżi ospitanti u lill-missjonijiet ċivili tal-PSDK minn theddid li jinbidel malajr sabiex jirrispondu għall-konflitti esterni u kriżijiet, nibnu l-kapaċitajiet tas-sħab, u nipproteġu lill-Unjoni Ewropea u liċ-ċittadini tagħha:
- Billi nikkontribwixxu għar-rispons usa' tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni irregolari, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li nqisu wkoll il-ħtieġa li jiġi ppreservat u protett il-wirt kulturali;
 - Billi nsaħħu r-reżiljenza għat-theddidd ibridu, l-attakki ċibernetiċi u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, inkluż permezz ta' komunikazzjonijiet siguri;
 - Billi nippromwovu l-istat tad-dritt u l-irfigħ tar-responsabbiltà, fost l-oħrajn billi nsaħħu l-katina tal-ġustizzja u l-kapaċità li jirrispondu b'mod effettiv għall-isfidi tas-sigurtà;
 - Billi nintegraw it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, għaliex dawn huma relatati mal-isfidi tas-sigurtà, filwaqt li nieħdu passi konkreti biex innaqqsu l-impronta tal-missjonijiet bil-għan li niksbu n-newtralità klimatika sal-2050 skont il-miri fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- c. NINVESTU f'aktar kapaċitajiet u f'kapaċitajiet aħjar:
- Il-Kunsill u l-Istati Membri jtennu l-impenn tagħhom li jipprovdu iżjed kontribuzzjonijiet permezz ta' proċeduri nazzjonali msaħħa bħat-teħid ta' deċiżjonijiet, finanzjament u leġiżlazzjoni, kif xieraq, billi, fejn rilevanti, jużaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali (NIP) u raggruppamenti informali ta' NIP, bl-appoġġ taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet;
 - Billi nżidu b'mod konġunt l-għadd ta' esperti ssekondati fil-missjonijiet, bl-għan li jiżdied is-sehem totali tagħhom għal mill-inqas 70 fil-mija tal-persunal internazzjonali, b'enfasi partikolari fuq iż-żieda tal-persunal issekondat f'pożizzjonijiet operazzjonali, filwaqt li nenfasizzaw li l-Istati Membri kollha għandhom ir-responsabbiltà li jintlaħaq dan l-għan, b'għarfien tal-kapaċitajiet tagħhom;
 - Billi nitolbu lis-SEAE jiżviluppa, flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, proċess strutturat u regolari ta' żvilupp tal-kapaċitajiet ċivili sal-2024;

- Billi nsaħħu l-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani tal-PSDK ċivili, inkluż billi (a) niżviluppaw aktar il-politika u l-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ, inkluż billi nipromwovu profili aktar versatili, (b) inżidu b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-PSDK ċivili, f'konformità mal-impenji tal-Boxxla Strateġika, (c) intejbu d-disponibbiltà u l-parteċipazzjoni ta' esperti nazzjonali f'missjonijiet ċivili tal-PSDK, pereżempju billi nintegraw aħjar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-perkorsi tal-karriera u nesploraw possibbiltajiet għall-issekondar ta' esperti fil-livell ta' dħul għal missjonijiet, (d) naħdmu fuq ir-rieżami tal-istatus tal-impjeg ta' persunal kuntrattwali internazzjonali;
- Billi niżviluppaw strateġija komprensiva biex niżguraw ambjent ta' xogħol sikur u inklużiv u nwettqu r-reviżjonijiet meħtieġa għall-politiki u l-proċeduri, billi fost l-oħrajn nirvedu u napplikaw bis-sħiħ il-Kodiċi tal-Kondotta;
- Billi nsaħħu l-kapaċità ta' rispons bil-għan li nkunu nistgħu nibagħtu 200 espert fi żmien 30 jum, inkluż f'ambjenti kumplessi;
- Billi niżguraw baġit aktar robust u realistiku għall-PSDK li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-missjonijiet ċivili ġodda u li għaddejjin tal-PSDK u li l-baġit jintuża b'mod rapidu, flessibbli u kosteffiċjenti biex jappoġġahom, waqt li niżguraw ġestjoni finanzjarja għaqlija u prijoritizzazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi eżistenti;
- Billi nħarrġu esperti nazzjonali u persunal tal-missjoni f'konformità mal-Politika ta' Taħriġ tal-PSDK u l-Programm ta' Taħriġ tal-PSDK u nivvalutaw l-arkitettura attwali tat-taħriġ tal-PSDK, taħt il-gwida tal-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE, filwaqt li nibnu fuq ir-rwol tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), biex tissaħħaħ ir-rabta bejn it-taħriġ u l-iskjerament, kif ukoll it-taħriġ standardizzat u l-iskambju ta' tagħlimiet u prattiki tajba, filwaqt li noħolqu sinerġiji ma' proġetti rilevanti ffinanzjati mill-Kummissjoni;
- Billi insegwu approċċ aktar sistematiku lejn l-innovazzjoni teknoloġika għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK.

- d. NISSIEĦBU mal-pajjiżi ospitanti kif ukoll ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali:
- Billi nenfasizzaw l-importanza tas-sjieda lokali tul l-implimentazzjoni tal-mandati tal-missjonijiet u n-natura mmexxija mid-domanda tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK, sabiex niżguraw riżultati effettivi u sostenibbli u nikkontribwixxu għar-reżiljenza, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiżi ospitanti;
 - Billi nfittxu sinerġiji u nsaħħu l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha;
 - Billi nsaħħu s-sħubiji ma' Stati terzi tal-istess fehma li għandhom l-istess valuri u objettivi bħall-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari n-NU, filwaqt li nibnu fuq il-prijoritajiet UE-NU dwar il-maniġġar ta' kriżijiet, in-NATO u l-OSKE, b'rispett sħiħ għall-qafas istituzzjonali tal-UE u l-proċeduri maqbula.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' komunikazzjoni strateġika mfassla apposta għall-partijiet ikkonċernati lokali, il-kontropartijiet nazzjonali u l-pubbliku ġenerali sabiex tissaħħaħ il-viżibbiltà, jiġi ssottolinjat il-benefiċċju, u jiżdied l-appoġġ pubbliku għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK, kif ukoll biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni u l-interferenza minn barranin ta' kampanji ta' informazzjoni kontra l-interessi tal-UE. Għal dawn il-finijiet, kif ukoll biex tiġi żgurata sjieda politika, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal diskussjonijiet regolari dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK fil-livell ministerjali, inkluż fil-Kunsill Affarijiet Barranin.
7. Il-Kunsill jistenna b'interess l-adozzjoni ta' Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK sa Mejju 2023. Dan għandu jinkludi impenji u skedi ta' żmien konkreti mill-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, biex imexxi din il-ħidma 'l quddiem fl-oqfsa rilevanti.